MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Numru 18/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Aphron Agius**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 18 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Aphron Agius, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), u fil-gimghat ta' qabel, l-akkuzat Aphron Agius iddecieda illi jibda jmexxi w jittraffika fid-droga herojina. Agius ftiehem ma' persuni ohra li jigi lejn Malta minn Istanbul b' bagalja bi droga herojina mohbija f'qiegh falz. Kif jasal Malta dan kellu jmur jikkonsenja d-droga ghand persuni ohra gewwa Malta. Ghas-servizz tieghu li jzomm, jimporta w iforni d-droga herojina msemmija, Agius kellu jithallas billi jinghata persentagg konsiderevoli tad-droga importata. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, fl-24 ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), l-akkuzat gie lejn

Malta minn Istanbul tramite *connecting flight* minn Malpensa f'Milan fuq it-titjira KM 629 bid-droga herojina moħbija fil-qiegħ falz tal-bagalja. Fortunatament uffiċjali tad-Dwana stazzjonati fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta waqqfu lill-akkużat u, waqt *search* kondott fuq il-persuna tiegħu u fuq ħwejjġu, nstabu fl-imsemmija bagalja 'l fuq minn elfejn u mitt (2100) gramma tad-droga herojina, liema droga tiswa iżjed minn erbgħa w ħamsin elf lira Maltija (LM 54,000).

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Aphron Agius sar ħati talli assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem imsemmi, akkuża lill-imsemmi Aphron Agius talli assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;

Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat w illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm 1000) iżda mhuż iżjed minn ħamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi f’xi zmien ghall-habta ta’ Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), l-akkuzat Aphron Agius iltaqa’ ma’ persuni ohra w bejniethom ftehemu li l-akkuzat jimporta klandestinament f’Malta kwantità tad-droga herojina sabiex ibieghha w jittrafikaha f’Malta. Di fatti huma ftehemu li Agius jigi lejn Malta b’bagalja bi droga herojina mohbija f’qiegh falz. In esekuzzjoni ta’ dan il-pjan, fl-24 ta’ Gunju ta’ dik is-sena, Agius telaq minn Istanbul fit-Turkija b’ din il-bagalja bid-droga mohbija kif spjegat u rikeb l-ajruplan lejn Malpensa f’Milan minn fejn gie Malta fuq it-titjira KM 629. Kif dan l-ajruplan wasal Malta, u l-akkuzat nizel l-art, hu u ghaddej mill-Blue Channel ta’ l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, ufficjali tad-Dwana stazzjonati hemmhekk waqqfuh u, waqt *search* kondott fuq il-persuna tieghu w fuq hwejjgu, nstabu fil-bagalja imsemmija ‘l fuq minn elfejn u mitt (2100) gramma tad-droga herojina, liema droga tiswa izjed minn erbgha u hamsin elf lira Maltija (LM 54,000

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Aphron Agius sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista’ tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f’ Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioe’ meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Aphron Agius talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista’ tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f’ Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioe’ meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-

konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 10(1), 12,14,15A 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi f' xi zmien ghall-habta ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005) l-akkuzat Aphron Agius, ltaqa' ma persuni ohra w bejnithom ftehmu li l-akkuzat jimporta klandestinament f' Malta kwantita' tad-droga eroina sabiex ibieghha w jittaffikaha f' Malta. Di fatti huma ftehmu li Agius jigi lejn Malta b' bagalja bi droga heroina mohbija f' qiegh falz. In ezekuzzjoni ta' dan il-pjan , fl-24 ta' Gunju ta' dik is-sena, Agius telaq minn Istambul fit-Turkija b' din il-bagalja bid-droga mohbija kif spjegatu rikeb l-ajruplan lejn Malpensa f' Milan minn fejn gie Malta fuq it-titjira KM 629. Kif dan l-ajruplan wasal Malta, u l-akkuzat nizel l-art , hu u ghaddej mill-blue channel tal-ajruport internazzjonali ta' Malta , ufficjali tad-dwana stazzjonati hemmhekk waqqfuh u waqt search kondott fuq il-persuna tieghu u fuq hwejjgu , instabu fil-bagalja imsemmija 'l fuq elfejn u mitt (2100) gramma tad-droga herojina, liema droga tiswa izjed minn erbgha u hamsin elf lira Maltija (LM 54,000). Li kieku ma kienx ghal dan l-intervent f' waqtu ta' l-ufficjali tad-dwana, haga accidentali w indipendenti mill-volonta' ta' Agius, dan kien ikompli bil-pjan tieghu li jbiegh u jittraffika din id-droga f' Malta

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Aphron Agius sar hati ta' tentattiv ta' traffikar tad-droga herojina w cioe' talli jforni jew jipprokura , jew joffri li jforni jew jipprokura d-droga heorjina lil xi persuna jew ghal xi persuna , f' dawn il-Gzejjer jew x' imkien iehor jew javza l-imsemmija droga ghall-biegh minghajr ma jkollu licenzja mill-Ministru

responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma jkun awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita' apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga imsemmija w minghajr ma jkun fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx bil-licenzja li jipprokura l-istess droga, wera dan il-hsieb b' atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' traffkar tad-droga herojina , liema delitt ma giex esegwit minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Aphron Agius ta' tentattiv ta' traffikar tad-droga herojina w cioe' talli jforni jew jipprokura , jew joffri li jforni jew jipprokura d-droga heorjina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f' dawn il-Gzejjer jew x' imkien iehor jew javza l-imsemmija droga ghall-biegh minghajr ma jkollu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w minghajr ma jkun awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita' apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga imsemmija w minghajr ma jkun fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenza jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx bil-licenzja li jipprokura l-istess droga, wera dan il-hsieb b' atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' traffkar tad-droga herojina, liema delitt ma giex esegwit minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija

(LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) (5) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w ir-regola 4 (a) tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi [G.N. 292 ta’ l-1939] u fl-artikoli 23, 41 (1) (a) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi indikati fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet kap ta’ l-att ta’ l-akkuza, u cioè fl-24 ta’ Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005), l-akkuzat Aphron Agius, mal-wasla tieghu f’Malta, kellu fil-pussess tieghu ‘l fuq minn elfejn u mitt (2100) gramma tad-droga herojina, liema droga tiswa izjed minn erbgha u hamsin elf lira Maltija (LM 54,000). Din id-droga kienet intiza biex tigi kkonsenjata mill-akkuzat ghand persuni ohra gewwa Malta. Fortunatament l-intervent ta’ l-ufficjali tad-Dwana sfratta dan il-pjan.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Aphron Agius sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenza jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b’ xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut

fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Aphron Agius talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b' dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi [G.N. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors tal-25 ta’ Settembru, 2009, pprezentat mill-Avukat Generali w mill-akkuzat Aphron Agius, fejn, a tenur tal-artikolu 453A (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, talbu li, fl-eventwalita’ ta’ ammissjoni da parti tal-akkuzat, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu ghandha tkun ta’ prigunerija ghall-periodu ta’ erbatax (14) il-sena w multa ta’ tnejn u tletin elf Ewro (Ewro 32,000), oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni ta’ sejbien ta’ htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta, inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjez u tal-proprjeta’ immobbli w mobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, wara li l-Qorti spjegat lill-akkuzat bi kliem car x’ ikunu il-konsegwenzi tat-talba tieghu kontenuta fir-rikors fuq imsemmi, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil akkuzat Aphron Agius hati talli :-

1. f’ Gunju, 2005, u fil-gimghat ta’ qabel, assocja ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; skond l-ewwel kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.
2. fl-24 ta’ Gunju, 2005, importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista’ tigi importata medicina perikoluza (herojina) f’ Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w cioe’ meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida, skond it-tieni kap tal-Att ta’ l-Akkuza.
3. fl-24 ta’ Gunju, 2005, ghamel tentattiv ta’ traffikar tad-droga herojina w cioe’ talli jforni jew jipprokura jew joffri li jforni jew jipprokura d-droga msemmija herojina lil xi

persuna jew ghal xi persuna f' dawn il-gzejjer jew x' imkien iehor jew javza l-imsemmija droga ghall-biegh minghajr ma jkollu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma jkun awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' traffikar tad-droga herojina, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà tieghu; skond it-tielet kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

4. fl-24 ta' Gunju, 2005, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; skond ir-raba' kap tal-Att ta' l-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Rat illi l-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu dwar il-piena li ghandha tinghata lill-hati f' dan il-kaz liema piena hija ndikata fir-rikors taghhom konguntiv fuq imsemmi;

Ikkonsidrat;

Illi r-reati taht l-ewwel, it-tieni w r-raba kapi tal-att ta' l-akkuza ghall-fini tal-piena huma assorbiti fir-reat taht it-tielet kap stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta jigi kommess ir-reat ta' tentivv ta’ traffikar  a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn) .

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, konformement mad-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i) u l-proviso (aa) tal-Kap.101, u senjatament  l-eta’ tal-hati, l-kondotta ta’ qabel tal-hati, l-kwantita’ tal-medicina w x-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reati u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta’ reati simili w fejn il-kwantita’ tad-drogi kienet piu’ o meno simili ghal dik involuta f’dan il-kaz,  hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet u mizuri mitluba fir-rikors konguntiv fuq imsemmi huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta’ htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22 (1)(a)(f), (1A), (1B), (2)(a)(i)(aa), (3A)(a)(b)(c)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u r-Regoli 4(a) u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-artikoli  23, 41(1)(a), 453A u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-hati**, Aphron Agius, kif mitlub mill-partijiet a tenur tal-artikolu 453A tal-Kap. 9,** ghall-piena ta’ erbatax (14) il-sena prigunerija w ghall-multa ta’ tnejn u tletin elf Ewro (Ewro 32,000), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi tmintax (18) il-

xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ elf, seba’ mija w wiehed u tletin Ewro u tnejn w hamsin centezmu (€ 1731.52c), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process,  u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------